# FESTA TA' SANT'ANNA 2018
# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **29 TA' LULJU 2018**

## Dgħajjes
Peress li ser jinħaraq in-nar minn fuq il-baħar is-Sibt u l-Ħadd tal-festa navżaw lill-propjetarji tad-dgħajjes biex ineħħu d-dgħajjes tagħhom skont kif jidher fl-avviż u l-mappa ta' Trasport Malta.

## Lejlet il-Festa
Illum is Sibt 28 ta' Lulju 2018 lejliet il-festa, jkun hawn quddiesa fil-5:30pm fil-Knisja Parrokkjali u fis-7:30pm tibda l-quddiesa fuq is-simenta mis-saċerdot novell Patri Kurt Mizzi O.Carm. Inħeġġukom sabiex nattendu.

## Jum il-FESTA ta' SANT'ANNA
Għada l-Ħadd 29 ta' Lulju 2018 fid-9:15am tibda l-quddiesa tal-festa u fis-7:00pm tibda ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa ta' Sant'Anna. Nitolbukom tħallu r-rotta tal-purċissjoni aċċessibbli u mingħajr karozzi. **Fil-bidu tal-purċissjoni ser nitolbu t-talba tar-Rużarju. Mistiedna wkoll in-nanniet, l-ommijiet bit-trabi fil-ġuf u l-familji li jixtiequ jkollhom it-tfal bl-interċessjoni ta' Sant'Anna. Fl-10.00pm ninġabru fuq iz-zuntier għall-mument ta' talb qabel l-istatwa ta' Sant'Anna tidħol fil-knisja parrokkjali.**

## Quddiesa fit-9:00am
Nhar ta' Erbgħa matul ix-xhur ta' Awwissu fil-Knisja Parrokkjali ser ikollna quddiesa fid-9:00am. Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-vaganzi tas-sajf insibu ħin għal Ġesù.

## L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar
Il-Ġimgħa 3 ta' Awwissu 2018 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:30pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

## Żewġ familji mill-*Communità Abramo* ser ikunu residenti fostna matul ix-xahar ta' Awwissu.
Is-Sibt 4 ta' Awwissu 2018 jaslu fostna żewġ familji li ser ikunu fostna matul ix-xahar ta' Awwissu mill-Communità Abramo minn Milan. Huma ser jaqsmu wkoll l-esperjenzi tagħhom magħna, kif ukoll ser jagħmlu xi *home visits*.

**Kummissjoni Djakonija**

Il-Parroċċa tagħna bħalissa qed tgħin 65 familja permezz tal-Kummissjoni Djakonija. Min jixtieq jagħti oġġetti ta' ikel jew *preserves* jista' jħallihom fil-knisja parrokkjali fil-qoffa apposta quddiem ix-xbieha tal-Madonna. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

**L-Ordinazzjoni Episkopali tal-Isqof Awżiljarju l-ġdid ta' Malta**

Nhar is-Sibt, 4 ta' Awwissu, ser issir l-ordinazzjoni episkopali tal-Isqof Awżiljarju l-ġdid ta' Malta, Mons. Joseph Galea-Curmi, fil-Katidral tal-Imdina. Il-Quddiesa tibda fis-7:00 ta' filgħaxija u ser titmexxa mill-Arċisqof Charles J. Scicluna. Lejlet l-ordinazzjoni, il-Ġimgħa 3 ta' Awwissu, fis-7:30 ta' filgħaxija, ser issir velja ta' talb fil-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp Ħaddiem, Birkirkara. Kulħadd hu mistieden għal dawn iż-żewġ okkażjonijiet (il-Ġimgħa u s-Sibt), u kulħadd hu mħeġġeġ biex jitlob għal Mons. Galea Curmi biex il-Mulej ikun l-għajnuna u l-qawwa tiegħu f'din ir-responsabbiltà ġdida fdata lilu mill-Papa Franġisku.

**Dħul tal-istatwa ta' Sant'Anna fin-Niċċa**

Il-Ħadd 5 ta' Awwissu 2018 fid-9:15am quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla tal-ġid li wettaq magħna fil-jiem tal-festa. Wara l-quddiesa jsir id-dħul tal-istatwa ta' Sant'Anna fin-niċċa.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Awwissu 2018. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.